MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 33/2009

**Strand Palace Agencies Limited**

**vs**

**Mifsud Joseph**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi li gie pprezentat fit-23 ta' April 2009 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi ddikjarat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Euro1,457.34c, rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjughha u kkonsenjata mill-konvenut fil-hanut minnu gestit bl-isem ta' Hompesch Bakery li jinsab gewwa Triq Hompesch, il-Fgura. Bl-imghaxxijiet kummercjali dovuta fuq is-somma mitluba mid-data tal-fatturi relattivi sal-hlas effettiv, kif ukoll bl-ispejjez gudizzjarji kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa’ ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Sema’ li l-PL Jonathan De Maria bil-gurament tieghu ikkonferma li l-ammont mitlub minnu f’din il-kawza kien ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Peress illi fil-mori ta’ l-istess baqa’ ma sar ebda pagament.

Gie notat illi l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa’ ma pprezenta ebda risposta u kif ukoll lanqas ma deher, la ghas-seduta tal-lum u anqas ghas-seduta precedenti sabiex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jilqa’ t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta’ Euro1,457.34c, bl-imghaxx legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta’ dan l-Avviz u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza a karigu ta’ l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------